MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 124/2018 LM

**Best Breed Limited (C 76855)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Il-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Best Breed Limited (C 76855)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-23 ta' Frar, 2023, wara proċeduri mibdija minnha fil-konfront tal-intimat **il-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana** [hawnhekk 'il-Kummissarju intimat'].

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti spjegat li fis-26 ta' Ottubru, 2018, hija ġiet notifikata b'avviż fejn intalbet tħallas is-somma ta' €153,462 rappreżentanti €127,440 taxxa tal-VAT u €25,488 bħala penali. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat, u għalhekk kienet qiegħda tintavola appell *ai termini* tal-artikolu 43 tal-Att dwar il-Valur Miżjud 1998. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li l-Kummissarju intimat wasal għal din il-konklużjoni wara li dan ma qabilx magħha li hija għamlet investiment kapitali fl-ammont iddikjarat minnha. Qalet li permezz ta' ittra tal-10 ta' Settembru, 2018, il-Kummissarju intimat iddikjara li l-irċevuti fiskali manwali ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti ma qablux mal-kopji li għandu f'idejh il-Kummissarju intimat. Qalet li din is-sottomissjoni ma treġġix, u l-irċevuti ppreżentati minnha huma ġenwini, li ġew mogħtija mill-ħaddiema inkarigati mix-xogħlijiet skont l-investiment li hija għamlet. Qalet ukoll li hija tiġġestixxi negozju ta' trobbija ta' majjali, l-intenzjoni tagħha kienet li tkabbar in-negozju tagħha sostanzjalment, u dan ix-xogħol sar kollu fl-2016. Qalet li apparti l-irċevuti li ġew esebiti, ix-xogħol estensiv li sar jista' jiġi vverifikat fuq il-post, u għalhekk talbet lit-Tribunal iħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat, b'dan illi jiddikjara li l-ebda taxxa u penali m'huma dovuti minnha.

3. Il-Kummissarju intimat wieġeb li s-soċjetà rikorrenti hija rreġistrata bħala persuna taxxabbli, li ser tkun qiegħda tagħmel xogħol ta' trobbija tal-annimali *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li huwa kiteb permezz ta' ittra datata l-20 ta' Settembru, 2017 lis-soċjetà rikorrenti sabiex

tippreżenta d-dokumentazzjoni neċessarja, għaliex ried li jibda jinvestigaha. Il-Kummissarju intimat qal li s-soċjetà rikorrenti ntalbet tippreżenta kopja tal-profil tan-negozju tagħha, b'deskrizzjoni dettaljata tal-attività ekonomika ġestita minnha, kopji tal-*purchase ledgers* għall-perijodu bejn l-1 t'Awwissu, 2016 u t-30 ta' Novembru, 2016, irċevuti tax-xiri u *invoices* relatati ma' dan il-perijodu. Qal ukoll li sussegwentement sar *Credit Control Report* fuq is-soċjetà rikorrenti minn Jonathan Fenech, li huwa VAT inspector. Qal li mill-investigazzjoni li saret, irriżulta li s-soċjetà rikorrenti kienet talbet mija u sebgħa u għoxrin elf, erba' mija u erbgħin Euro (€127,440) *f'Input VAT,* liema ammont għalkemm intalab, wara irriżulta li ma kienx dovut mill-Kummissarju intimat. Qal ukoll li permezz ta' ittra tal-10 ta' Settembru, 2018, is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata bi stima provviżorja ammontanti għal €127,440, kif ukoll li l-irċevuti fiskali manwali li pproduċiet ma kienux jaqblu mal-kopji intraċċati mid-Dipartiment. Il-Kummissarju intimat informa lis-soċjetà rikorrenti li l-*bill of quantities* ma kienx prodott, minkejja li kien hemm korrispondenza mas-soċjetà rikorrenti sabiex dan jiġi ppreżentat minnha. Is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata wkoll li l-VAT fuq l-ispiża kapitali fuq il-kostruzzjoni ddikjarata fuq il-*VAT returns* tammonta għal €39,240. Mal-imsemmija ittra, il-Kummissarju intimat bagħat ukoll formola għal *review* f'każ li s-soċjetà rikorrenti ma taqbilx mal-istejjem provviżorji li ntbagħtu lilha, u riedet li jsirilha *review.* Tali talba iżda ma saritx. Il-Kummissarju intimat spjega li ladarba s-soċjetà rikorrenti ma talbitx li ssir tali *review,* huwa ddeċieda li jikkonferma l-istejjem *in toto.* Qal li dan sar għaliex is-soċjetà rikorrenti ma ppreżentatx id-dokumenti meħtieġa sabiex turi għal liema raġuni hija ma kienitx qiegħda taqbel mal-istejjem provviżorji li kienu nħarġu fir-rigward tagħha. Il-Kummissarju intimat għalhekk talab lit-Tribunal jiċħad l-

aggravji kollha tal-appell, stante li l-aggravji sollevati mis-soċjetà rikorrenti fir-rikors tal-appell tagħha, huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt. Qal li huwa mexxa investigazzjoni fiż-żminijiet kollha preskritti mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u minn din l-investigazzjoni lilu rriżultalu mod ieħor minn dak li qiegħda teċċepixxi s-soċjetà rikorrenti. Il-Kummissarju intimat qal ukoll li l-ammont ta' €127,440 *f'input VAT* mitlub mis-soċjetà rikorrenti fid-denunzja tagħha, fil-fatt mhumiex dovuti. Qal ukoll li meta huwa nnotifika lis-soċjetà rikorrenti bl-istejjem provviżorji, mal-istess stejjem provviżorji s-soċjetà rikorrenti kienet irċeviet ukoll ittra li kienet telenka r-raġunijiet għalfejn l-*input VAT* mitluba minnha fid-denunzja tat-taxxa tagħha, kienet qiegħda tiġi kkanċellata. Il-Kummissarju intimat qal li minkejja li s-soċjetà rikorrenti kienet infurmata li setgħet tagħmel talba għal *review,* hija baqgħet m'għamlet l-ebda talba għal reviżjoni tat-taxxa lilha mitluba, u ladarba r-*review* ma saritx, lill-Kummissarju intimat ma nbidel xejn minn dak li rriżultalu fl-investigazzjoni, u għalhekk huwa kkonferma l-istejjem provviżorji u ħareġ l-istejjem in kontestazzjoni, wara li qies li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti ma kienux ġustifikati. Il-Kummissarju intimat għalhekk talab li l-aggravju mressaq mis-soċjetà rikorrenti għandu jiġi miċħud, u żied jgħid li għandu jsegwi li l-likwidazzjoni tat-taxxa kif magħmula minnu, kif ukoll l-impożizzjoni ta' penali amministrattiva u l-imgħax naxxenti minnha, huma ġusti u jistħoqqilhom konferma.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal fit-23 ta' Frar, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-perijodu ta'

taxxa 01.08.2016-30.11.2016 mhuwiex ġustifikat, u m'għandux jiġi milqugħ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkonsidra:***

*Permezz ta' stima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16 datata 16 ta' Ottubru, 2018 (fn. 6 Dok. "B" a fol. 4 tal-proċess), mibgħuta lis-soċjetà rikorrenti permezz ta' ittra datata 26 ta' Ottubru, 2018 (fn. 7 Dok. "A" a fol. 3 tal-proċess), il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi ħlas mingħand l-imsemmija soċjetà tas-somma ta' €127,440 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mas-somma ta' €25,488 rappreżentanti taxxa amministrattiva u s-somma ulterjuri ta' €534.60 rappreżentanti imgħax, komplessivament ammontanti għal **€153,462.60**.*

*Is-soċjetà rikorrenti ħassitha aggravata bil-ħruġ ta' tali stima fil-konfront tagħha u bil-proċeduri odjerni titlob li t-Tribunal iħassar, jirrevoka u jikkanċella l-istess imsemmija stima. Hija tibbaża l-appell tagħha mill-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16 fuq is-segwenti aggravju* – l-irċevuti li ppreżentat is-soċjetà appellanti lill-Kummissarju intimat huma ġenwini li ġew mogħtija mill-ħaddiema li nkarigat għall-investiment li għamlet. Is-soċjetà appellanti tiġġestixxi negozju ta' trobbija ta' ħnieżer. Għamlet ħsieb illi tkabbar dan in-negozju b'investiment sostanzjali u dan ix-xogħol sar kollu fl-2016. Apparti l-irċevuti li ġew esebiti, l-estensività tax-xogħlijiet li saru tista' tiġi vverifikata anke fuq il-post. *(fn. 8 rikors promutur, fol. 1 tal-proċess).*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tas-soċjetà rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stima tiġi kkonfermata stante li* hu mexxa l-investigazzjoni fiż-żminijiet preskritti kollha mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn din l-investigazzjoni lill-appellat irriżultalu xort'oħra – *ossia mill-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti li ebda taxxa u penali ma huma minnha dovuti lilu.* Dan peress li mija u sebgħa u għoxrin elf, erba' mija u erbgħin Euro (€127,440) f'input VAT mitluba mill-appellanti fid-denunzja tagħha, fil-fatt mhumiex dovuti. Illi di più meta l-appellanti kienet innotifikata bl-istejjem provviżorji, mal-istess stejjem provviżorji kienet irċeviet ukoll ittra li telenka r-raġunijiet għalfejn l-input VAT mitluba mill-appellanti fid-denunzja tat-taxxa tagħha kienet qiegħda tiġi kkanċellata. Illi l-appellanti minkejja li kienu infurmati illi setgħet tagħmel talba għal review, baqgħet ma għamlitx tali talba għal reviżjoni tat-taxxa lilha mitluba. Illi ġialdarba r-review ma saritx u kwindi ma nbidel xejn minn dak li rriżultalu fl-investigazzjoni, l-esponenti

kkonferma l-istejjem provviżorji u ħareġ l-istejjem in eżami stante illi t-talbiet magħmula mill-appellanti ma kinux ġustifikati. (*fn. 9 para. ċ sa e tar-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 8 u 9 tal-proċess)*

*Il-bażi fuq liema nħarġet l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16 fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti tirriżulta b'mod ċar mill-Credit Control Exercise Report esebit a fol. 16 sa 54 tal-proċess, kif ukoll mill-avviż datat 10 ta' Settembru, 2018 esebit a fol. 55 tal-proċess.*

*Fl-imsemmi Credit Control Exercise Report, l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjed Jonathan Fenech ikkonstata u kkonkluda s-segwenti:* **Sales Analysis –** All company's sales are exempt with credit in line with 5th Schedule Part 1, Item 9 of the VAT Returns. The company is in operation for just over a year. No turnover yet declared in the VAT returns. **Purchases Analysis –** VAT reports for tax period under review were produced in excel format. These were checked and amounts stated therein were found to tally with those stated in the VAT returns. Reference is made to Appendices 3 and 4 refer. (*fn. 10 fol. 28 u 29 tal-proċess).* Invoices claimed referred to capital investments, including excavation works, masonry works, labour, new drainage system and construction material, as well as construction works. Given the noticeable amount of VAT claimed, all invoices were selected for audit trail. All capital goods were verified as 100%. Services and overheads consisted entirely of professional fees. No input VAT was claimed in this regard. A casting exercise was also carried out to ensure that input VAT corresponds to 18% of net purchases. No irregularities were encountered in this regard. All capital goods claimed were vouched for correctness. All invoices pertaining to capital goods in the reviewed period are attached in Appendix 5. *(fn. 11 fol. 30 sa 44 tal-proċess)***. Irregularities identified** – Discrepancies in MFR books – Returned manual fiscal receipt books pertaining to Mr. Martin Farrugia (MT1514-6535) were obtained from Intercomp Ltd. Upon checking the returned VAT Department's copy against copies presented by taxpayer, discrepancies were identified in terms of amounts declared. In these circumstances, input vat claimed on the said invoices listed below is to be deducted. Appendix 6 refers. (*fn. 12 fol. 45 sa 49 tal-proċess)*

| ***INVOICE DATE*** | ***INVOICE NUMBER*** | ***INVOICE TOTAL €*** | ***MANUAL FISCAL RECEIPT*** | ***Amt. CLAIMED € in MFR*** |
|---|---|---|---|---|
| *21/11/2016* | *11340/16* | *94,400 (€14,400 vat)* | *1357 different handwriting and customer name* | *944.00* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *23/11/2016* | *10928/16* | *80,712 (€12,312 vat)* | *1354 different handwriting and customer name* | *807.12* |

In view of the findings above which indicate serious discrepancies, clearly questions the veracity and authenticity of expenditure claimed by the VAT registered person.

In these circumstances Provisional Assessments are to be raised as follows:

**Provisional Assessments:**

**01/08/2016-30/11/2016**

**Box 36** **-€88,200**

**-€88,200**

**Audit Trail –** It is being recommended that an audit trail exercise be carried out in respect of the following invoices issued by Mr Martin Farrugia (MT1514-6535), given the substantial amount of input vat claimed.

| *Date* | *Supplier* | *Invoice* | *Amounts in € (Net)* |
|---|---|---|---|
| *August-November 2016* | | | |
| *21/11/2016* | *Martin Farrugia* | *11340/16* | *80,000* |
| *23/11/2016* | *Martin Farrugia* | *10928/16* | *68,400* |
| *13/11/2016* | *Martin Farrugia* | *1????/16* | *150,000* |
| *20/10/2016* | *Martin Farrugia* | *11339/16* | *110,000* |
| *31/10/2016* | *Martin Farrugia* | *10926/16* | *81,600* |
| *08/09/2016* | *Martin Farrugia* | *11329/16* | *60,000* |
| *08/09/2016* | *Martin Farrugia* | *11330/16* | *40,000* |
| *29/11/2016* | *PF Holdings Ltd.* | *169* | *110,000* |
| | | | *700,000* |

**MEPA Permits and Bill of Quantities –** We have no details of the actual works carried out. The tax representative was informed via email dated 07th December 2017 to provide the undersigned with necessary MEPA permits and Bill of Quantities. Appendix 7 refers *(fn. 13 fol. 50 sa 54 tal-proċess)* Given the fact that Bill of Quantities

covering period August to November 2016 to substantiate capital expenditure consisting of working materials and construction works was not produced, one cannot confirm the authenticity of the works charged. The VAT Department is not in a position to confirm: (1) Whether this transaction has actually taken place; (2) If transaction did take place, the undersigned is not in a position to link this capital expenditure to the economic activity of the VAT registered person; (3) No proof of payment linked to capital expenditure transactions. As a result, all input VAT claimed on the said expenditure during periods under review is to be deducted over and above expenditure already subject to provisional assessments under heading "Irregularities identified". Provisional Assessments directly related to absence of bill of quantities are to be raised as follows:

**Provisional Assessments**

| **Tax Period** | **Box 36** |
|---|---|
| **01/08/2016-30/11/2016** | **39,240** |
| **Total** | **39,240** |

**Conclusion and Recommendations –** In view of the above, a provisional assessment shall be raised amounting to **€127,440.** Conclusions have been reached based on the information provided by the VAT registered person.

*B'żieda ma' dak li jirriżulta mill-Credit Control Exercise Report, b'Avviż datat 10 ta' Settembru, 2018 (fn. 14 Dok. "D" a fol. 55 tal-proċess), is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata li l-istima proviżorja għall-valur ta' €127,440 kienet qed tinħareġ fil-konfront tagħha stante li:-* The following Manual Fiscal receipts produced did not tally with the Department copies when traced:

| *Receipt Number* | *Date* | *VAT Amount (€)* |
|---|---|---|
| *1357* | *21.11.2016* | *14,400.00* |
| *1354* | *23.11.2016* | *12,312.00* |
| *1355* | *13.11.2016* | *27,000.00* |
| *1356* | *20.10.2016* | *21,600.00* |
| *1353* | *31.10.2016* | *14,688.00* |

Bill of quantities was not produced despite correspondence with the registered person's tax representative to do so. VAT on capital expenditure related to construction declared in VAT returns amounted to €39,240.

*Dan kollu ġie kkonfermat minn Jonathan Fenech, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar, 2019. (fn. 15 Fol. 105 sa 108 tal-proċess)*

*Is-soċjetà rikorrenti laqgħet għall-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.18 bl-affidavit ta' Carmen Grech (fn. 16 Dok. "BB" a fol. 75 u 76 tal-proċess) u b'numru ta' ritratti u pjanta. (fn. 17 fol. 81 sa 102 tal-proċess)*

*Fl-affidavit tagħha Carmen Grech iddikjarat illi* aħna ilna armati għat-trobbija tal-annimali mill-2007. Fix-xogħol tagħna aħna kien ikollna laqgħat regolari mal-Koperattiva tal-Majjali. Waqt dawn il-laqgħat kienu qalulna li l-EU għandha ċertu regolamenti dwar kif għandhom jitrabbew il-majjali f'dan it-tip ta' xogħol u allura konna ġejna infurmati kif aħna wkoll kellna nagħmlu ċertu tibdil biex niġu konformi ma' dawn ir-regolamenti. Meta jien u r-raġel konna ħadna l-farm fejn qed inrabbu l-majjali, dan kien fi stat batut ħafna. Konna bdejna naħdmu fih però rrealizzajna li skont dawn ir-regolamenti tal-EU ma stajniex inkomplu naħdmu f'dan il-farm kif kien. Allura dan kellu jitwaqqa' u jerġa' jinbena. Dan ukoll diġà kien jinvolvi spejjeż kbar biex l-istruttura tal-farm titwaqqa' u terġa' tittella'. Apparti minn hekk kellna nħejju wkoll ċertu apparat u strutturi oħra li huma meħtieġa għat-trobbija tal-majjali. Insemmi per eżempju li fejn jitrabbew il-majjali jrid ikun hemm boards sabiex il-majjali joqogħdu fuqhom. Taħt il-boards imbagħad irid ikun hemm fossa. Fil-farm kif kien qabel irranġajnieh ma kellniex fosos. Kellhom isiru gaġeġ, slabs mal-art kif semmejt u diviżorji biex tissepara majjal minn ieħor. Dawn id-diviżorji jkunu ta' plastic iebes apposta li l-majjali ma jgerrmux. Il-gaġeġ ikunu tal-iggalvanizzar jew tal-istainless steel. Nispjega wkoll illi bilfors trid ħafna apparat għaliex inti trid iżżomm l-ommijiet għalihom u l-missirijiet għalihom. Iż-żgħar joqogħdu xahar m'ommhom u imbagħad iridu jitpoġġew ġo dik li jgħidulha weaner. Dan ikun post b'ċertu temperatura. Allura trid heaters apposta. Fil-fatt konna xtrajna żewġ tipi ta' heaters, dawk li jkunu qishom tapit u dawk li jkunu mqassmin ġo 'il fuq minn għoxrin maħżen fuq medda ta' ħames tomniet. Kull maħżen iżomm madwar mitejn majjal. Aħna kellna naraw dan l-apparat kollu daqs li kieku konna ser nibdew narmaw mill-bidu. Kien għalhekk illi l-ispiża kienet waħda sostanzjali. Biex għamilna din l-ispiża konna nġibu numru ta' stimi mill-kuntratturi u imbagħad nagħżlu mill-istimi. Irrid inżid ukoll illi konna tħajjarna nagħmlu numru ta' pannelli għall-elettriku li jintuża fil-farm. Ġejna infurmati li kellna bżonn 1,100 pannella. Konna staqsejna lil tad-Dipartiment tal-VAT. Kienu qalulna nkellmu accountant u fil-fatt kien irriżultalna li għal dawn il-pannelli la konna ser inħallsu VAT u lanqas niġbru lura l-VAT. Ser nesebixxi l-pjanti u dokumenti oħra 'l quddiem.

*Bħala fatt is-soċjetà Rikorrenti ppreżentat wieħed u għoxrin ritratt u pjanta indikanti fejn allegatament saru x-xogħlijiet. Dawn id-dokumenti però ma ġewx ikkonfermati; ir-ritratti ma ġewx ikkonfermati minn min ħadhom u lanqas hemm spjega ċara ta'*

*xiex inhuma u tal-perijodu li fih ittieħdu u l-pjanta ma ġietx ikkonfermata mill-Perit Noel Debattista, li jidher li huwa l-Perit li ħejjiha. Jirriżulta in oltre li din il-pjanta hija relattiva u marbuta mal-permess bin-Numru PA00310/03 b'*minor amendments *approvati fil-25 ta' Mejju, 2011, ossia żmien ferm qabel ma ġie reklamat il-Capital expenditure mertu ta' dawn il-proċeduri fid-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16.*

*It-Tribunal josserva li l-kreditu għall-input tax li taxpayer jista' jkollu dritt għalih ma huwiex xi dritt assolut u insindakabbli iżda huwa dritt ben regolat ai termini tal-Liġi, hekk kif joħroġ b'mod ċar mill-Artikolu 22(3)(4)(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdu li: (3)* Bla ħsara għas-subartikolu (5) – (a) il-Kreditu għall-input tax ta' żmien ta' taxxa ta' persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 huwa ammont li jkun daqsinsew għall-input tax ta' dik il-persuna li jkollu jitħallas matul dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula jew maħsuba li għandhom jintgħamlu minnha, li jkunu provvisti li għalihom japplika s-subartikolu (4); (b) il-kreditu għall-input tax għall-aħħar żmien ta' taxxa ta' persuna li r-reġistrazzjoni tagħha taħt l-artikolu 10 tkun ġiet imħassra huwa ammont li jkun daqsinsew għall-input tax ta' dik il-persuna li jkollu jitħallas matul dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula minnha sal-aħħar ta' dak iż-żmien, li jkunu provvisti li għalihom japplika s-subartikolu (4). (4) Dan is-subartikolu japplika għal: (a) provvisti taxxabbli; (b) provvisti eżenti bil-kreditu; (ċ) provvisti magħmula barra minn Malta li kieku, jekk magħmula f'Malta, kienu jitqiesu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala provvisti taxxabbli jew provvisti eżenti bil-kreditu jew provvisti ntaxxati barra minn Malta li, kieku kienu magħmula f'Malta, kienu jkunu meqjusa bħala provvisti eżenti bla kreditu; (d) operazzjonijiet eżenti mill-VAT, li jirrelataw ma': (i) il-provvista minn persuni liċenzjati taħt l-Att dwar Intrapriżi ta' Assigurazzjoni jew l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni ta' servizzi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, inklużi operazzjonijiet relatati, li dwarhom huma hekk liċenzjati; (ii) l-għoti u n-negozjar ta' kreditu u l-credit management mill-persuna li tkun tat dak il-kreditu; (iii) in-negozjar ta' jew kull  għemil ta' negozju fi credit guarantees jew kull garanzija oħra dwar flus u l-immaniġġjar ta' credit guarantee mill-persuna li tkun qed tagħti dak il-kreditu; (iv) operazzjonijiet, inkluż negozjar, dwar kontijiet ta' depożitu u kurrenti, ħlasijiet, trasferimenti, djun, cheques u strumenti negozjabbli oħra, dwar flus li jiċċirkolaw, noti bankarji, u muniti li normalment jintużaw fil-pajjiż; (vi) operazzjonijiet, inkuż negozjar, eskluż management u safekeeping, f'ishma, parteċipazzjonijiet f'kumpanniji jew assoċjazzjonijiet, debentures, u titoli oħra, esklużi dokumenti li jistabbilixxu titoli għall-oġġetti; meta l-klijent ikun stabbilit barra l-Komunità jew meta dawk l-operazzjonijiet ikunu marbuta direttament ma' oġġetti li għandhom ikunu esportati lejn pajjiż barra l-Komunità. (5)

id-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli għall-provvisti huwa suġġett għall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti mniżżla fl-Għaxar Skeda.

*Id-dispożizzjonijiet tal-Għaxar Skeda jerġgħu jtennu li: Partita I* – Ħlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti ma għandux jiġi permess lil persuna ebda kreditu għal input tax għal xi żmien ta' taxxa kemm-il darba ma ssirx talba skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att. *Partita 2* – (1) Ma għandux jitqies ebda ammont bħala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dik it-taxxa kellha titħallas fuq il-provvisti ta' oġġetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta' oġġetti li jkunu ġew jew ser jiġu wżati fil-kors tal-avvanz tal-attività ekonomika tagħha.

*Jiġi ribadit għalhekk li d-dritt għal kreditu għall-input tax ma huwiex wieħed assolut u insindakabbli, anzi a kuntrarju huwa dritt li t-taxpayer irid jipprova li huwa intitolat għalih u ma hemm ebda lok ta' assunzjonijiet ażżardati fir-rigward da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Sabiex is-soċjetà Rikorrenti tissostanzja l-Capital expenditure minnha reklamat fid-denunzja tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16, il-Kummissarju tat-Taxxi, tramite l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Jonathan Fenech, talabha inter alia tipprovdi l-permess għall-iżvilupp maħruġ mill-MEPA u Bill of Quantities relattiva għax-xogħlijiet esegwiti. Stranament u għal raġunijiet li taf hija biss, is-soċjetà Rikorrenti dawn id-dokumenti ma pprovdiethomx u b'konsegwenza ta' hekk il-Kummissarju ma kellux triq oħra għajr illi ma jaċċettax is-somma ta' €39,240 rappreżentanti l-Capital expenditure minnha dikjarat fid-denunzja tat-taxxa tagħha.*

*Fattur ferm iktar stramb huwa li għad illi s-soċjetà Rikorrenti kienet ben konxja mill-pożizzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward tal-Capital expenditure reklamat minnha fid-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16, u dana billi ġiet notifikata bl-Avviż datat 26 ta' Ottubru, 2018 u l-Kummissarju tat-Taxxi ppreżenta l-Credit Control Exercise tiegħu, l-istess soċjetà baqgħet ma pprovdietx il-prova dokumentarja neċessarja biex tissostanzja l-Capital Expenditure minnha reklamat. Għażlet minflok li tistrieħ biss fuq l-affidavit ta' Carmen Grech, li frankament ma jistax jitqies li sodisfaċentement jissostanzja tali Capital Expenditure hekk reklamat, u fuq numru ta' ritratti bla ebda spjega ta' xiex jirrigwardaw eżatt u fuq pjanta relattiva għal permess li ma jidhirx li għandu x'jaqsam max-xogħlijiet u dikjarazzjonijiet fiskali mertu tal-proċeduri odjerni.*

*It-Tribunal iqis Ii fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tali prova da parte tas-soċjetà Rikorrenti ma hijiex aċċettabbli u ċertament ma hijiex ta' livell tali li tista' sodisfaċentement tipprova li in kwantu rigwarda Capital Expenditure fl-ammont ta' €39,240, l-istima maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16 hija eċċessiva, oneru ta' prova minnha rikjesta a tenur tal-Partita 2(2) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-LIġijiet ta' Malta.*

*Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud****, pronunċjata fl-24 ta' Novembru, 2003 (fn. 18 Decisions of the Court of Appeal, Vol. 2, Każ Nru. 75, pġ. 184):* l-ilment (tal-appellant taxpayer) kontra s-sentenza appellata tista' tgħid li hu rakkjuż f'dak minnu preċiżat in coda għall-istess appell tiegħu. Jiġifieri li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli kienet difettuża għax kienet ibbażata fuq applikazzjoni skorretta tal-prinċipju legali dwar l-oneru tal-prova, dwar x'jikkostitwixxi prova u dwar l-apprezzament tal-provi. … Jibda biex jingħad dak li hu ormai paċifiku illi in linea ġenerali f'materja ta' liġijiet fiskali l-oneru tal-provi hu dejjem mixħut fuq l-appellant li jkun ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju. B'mod speċifiku, imbagħad, il-liġi in partikolari tipprovdi f'subinċiż (2) tal-Artikolu 4 tad-Disa' Skeda tal-Att XXIII tal-1998 (Kap. 406) illi "jkun dmir tal-appellant li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eċċessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti." Huwa altru minn ċar illi din id-dispożizzjoni tixħet l-oneru tal-prova għal kollox fuq l-appellant. Li jfisser allura li l-Bord tal-Appelli kellu biss jasal għal konvinċiment jekk prova bħal din tkunx jew le tissodisfah. Kif rikapitulat fid-deċiżjoni fil-Kawża Nru. 15 *(fn. 19 A.B. Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjed, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Ġunju, 2001): "*il-grad ta' prova meħtieġa, imbagħad hi għal kollox f'idejn il-Bord tal-Appell. Kien hu li kellu jiddeċiedi jekk min japplika jkun ta dak it-tagħrif jew kjarifiki jkunx ġab dawk id-dokumenti ta' importazzjoni, fatturi ta' xiri u records oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-ħażniet kummerċjali biex jissodisfa lill-Bord li t-teżi tiegħu kienet affidabbli u kredibbli." Huwa evidenti fil-każ in diskussjoni illi għall-Bord l-appellanti naqas li jiddisimpenja ruħhu mill-oneru hekk inkombenti fuqu. Dan hu hekk tradott minn dik il-parti tad-dispożittiv tal-ġudikat li ssostni illi "l-appellant ma ġabx il-provi neċessarji sabiex ixejjen id-deċiżjoni tad-Dipartiment."

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal, bħall-Kummissarju tat-Taxxi qablu, iqis li s-soċjetà Rikorrenti ma ressqitx prova sodisfaċenti dwar il-Capital expenditure minnha reklamat fid-denunzja tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16 bil-konsegwenza għalhekk li dik il-parti tal-istima li tkopri s-somma ta' €39,240 ma tistax u ma għandhiex tiġi revokata.*

*Jifdal issa li tiġi trattata l-kwistjoni rigwardanti r-rimanenti parti tal-istima maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16, ossia dik il-parti li tkopri s-somma ta' €88,200 rappreżentanti kreditu għall-input tax reklamat mill-imsemmija soċjetà f'dak il-perijodu ta' taxxa iżda mhux aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxi minħabba diskrepanzi li rriżultaw fil-kors tal-Credit Control Exercise fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, bejn il-Manual Fiscal Receipts sottomessi mill-istess soċjetà in sostenn tad-dikjarazzjoni tagħha u l-Manual Fiscal Receipts sottomessi mis-supplier tagħha Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.*

*Sabiex tissostanzja l-kreditu għall-input tax minnha dikjarat fid-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16, is-soċjetà Rikorrenti ssottomettiet lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, inter alia s-segwenti fatturi maħruġa minn Martin Farrugia:*

- *Fattura bin-Numru 11340/2016 datata 21 ta' Novembru, 2016 għall-valur ta' €94,400, li minnu €14,400 jirrappreżentaw il-VAT (fn. 20 fol. 31 tal-proċess);*
- *Fiscal Receipt bin-Numru 001357 maħruġa minn Martin Farrugia, datata 21 ta' Novembru, 2016 għall-valur ta' €94,400 (fn. 21 fol. 30 tal-proċess);*
- *Fattura bin-Numru 10928/2016 datata 23 ta' Novembru, 2016 għall-valur ta' €80,712, li minnu €12,312 jirrappreżentaw il-VAT (fn. 22 fol. 32 tal-proċess);*
- *Fiscal Receipt bin-Numru 001354 maħruġa minn Martin Farrugia, datata 23 ta' Novembru, 2016 għall-valur ta' €80,712 (fn. 23 ibid);*
- *Fattura bin-Numru ma jidhirx sew datata 13 ta' Novembru, 2016 għall-valur ta' €177,0000, li minnu €27,000 jirrappreżentaw il-VAT (fn 24 fol. 33 tal-proċess);*
- *Fiscal Receipt bin-Numru 001355 maħruġa minn Martin Farrugia, datata 13 ta' Novembru, 2016 għall-valur ta' €177,000 (fn. 25 ibid);*
- *Fattura bin-Numru 11339/2016 datata 20 ta' Ottubru, 2016 għall-valur ta' €129,800, li minnu €19,800 jirrappreżentaw il-VAT (fn. 26 fol. 35 tal-proċess)*
- *Fiscal receipt bin-Numru 001356 maħruġa minn Martin Farrugia, datata 20 ta' Ottubru, 2016 għall-valur ta' €129,800 (fn. 27 fol. 34 tal-proċess)*
- *Fattura bin-Numru 10926/2016 datata 31 ta' Ottubru, 2016 għall-valur ta' €96,288 li minnu €14,688 jirrappreżentaw il-VAT (fn. 28 fol. 36 tal-proċess)*
- *Fiscal Receipt bin-Numru 001353 maħruġa minn Martin Farrugia, datata 31 ta' Ottubru, 2016 għall-valur ta' €96,288 (fn. 29 fol. 36 tal-proċess)*
- *Fattura bin-Numru 11330/2016 datata 8 ta' Settembru, 2016 għall-valur ta' €47,200, li minnu €7,200 jirrappreżentaw il-VAT (fn. 32 fol. 40 tal-proċess)*

- *Fiscal Receipt bin-Numru 001220 maħruġa minn Martin Farrugia, datata 9 ta' Settembru, 2016 għall-valur ta' €47,200 (fn. 33 fol. 39 tal-proċess)*
- *Fattura bin-Numru 11331/2016 datata 26 ta' Settembru, 2016 għall-valur ta' €9,440 li minnu €1,440 jirrappreżentaw il-VAT (fn. 34 fol. 43 tal-proċess)*
- *Fiscal Receipt bin-Numru 001266 maħruġa minn Martin Farrugia, datata 26 ta' Settembru, 2016 għall-valur ta' €9,440 (fn. 35 fol. 42 tal-proċess)*

*Iżda:*

- *Il-Fiscal Receipt bin-Numru 001357 depożitata minn Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur MIżjud tidher maħruġa favur ċertu Lino Galea u mhux is-soċjetà Rikorrenti u hija għall-valur ta' €944.00 u mhux għall-valur ta' €94,400 (fn. 36 fol. 45 tal-proċess)*
- *Il-Fiscal Receipt bin-Numru 001354 depożitata minn Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tidher maħruġa favur ċertu Brian Gatt u mhux is-soċjetà Rikorrenti u hija għall-valur ta' €807.12 u mhux għall-valur ta' €80,712 (fn. 37 fol. 46 tal-proċess)*
- *Il-Fiscal Receipt bin-Numru 001355 depożitata minn Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tidher maħruġa favur ċerta persuna kunjomha Borg u mhux is-soċjetà Rikorrenti u hija għall-valur ta' €177.00 u mhux għall-valur ta' €177,000 (fn. 38 fol. 47 tal-proċess);*
- *Il-Fiscal Receipt bin-Numru 001356 depożitata minn Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tidher maħruġa favur ċerta persuna kunjomu Galea u mhux is-soċjetà Rikorrenti u hija għall-valur ta' €129.8 u mhux għall-valur ta' €129,800 (f. 39 fol. 48 tal-proċess)*
- *Il-Fiscal Receipt bin-Numru 001353 depożitata minn Martin Farrugia mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tidher maħruġa favur terza persuna u mhux is-soċjetà Rikorrenti u hija għall-valur ta' €962.88 u mhux għall-valur ta' €96,288 (fn. 40 fol. 49 tal-proċess).*

*Fid-dawl ta' tali diskrepanzi li jinvolvu l-persuna favur min inħarġet l-irċevuta fiskali u l-valur hemm indikat, il-Kummissarju tat-Taxxi ġustament esiġa prova sodisfaċenti mingħand is-soċjetà Rikorrenti tal-ammonti minnha reklamati, liema prova però baqgħet ma saritx u in verità lanqas saret quddiem dan it-Tribunal fil-kors ta' dawn il-proċeduri.*

*In effetti kif ġià aktar 'il fuq osservat, għal raġunijiet li taf hija biss, is-soċjetà Rikorrenti straħet esklussivament fuq l-affidavit ta' Carmen Grech, li jiġi ribadit li ma titqiesx bħala prova sodisfaċenti tal-ammonti reklamati mill-imsemmija soċjetà fid-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16, u fuq ritratti u*

*pjanta li ma ġewx ikkonfermati minn min ħa r-ritratti u minn min ħejja l-pjanta, liema pjanta addirittura tidher relatata ma' permess għal żvilupp fi żmien ferm qabel ix-xogħlijiet allegatament esegwiti fl-2016 u l-ispiża tagħhom reklamata kif ingħad fid-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16.*

*Is-Soċjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li ladarba l-investigazzjoni fil-konfront ta' Martin Farrugia għadha ma ngħalqitx, bil-konsegwenza għalhekk li mhux magħruf liema mill-fiscal receipts huma ffabbrikati, allura l-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax jipproċedi billi jiċħdilha l-kreditu għall-input tax minnha reklamat. Din il-pretensjoni tas-soċjetà Rikorrenti fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ma hijiex sostenibbli stante li, kif appena osservat, hija ma għamlet assolutament xejn biex tissostanzja l-input tax minnha reklamata, obbligu dan li jinkombi fuq kull taxpayer a prescindere u rrispettivament minn ċirkostanzi oħra li jikkaratterizzaw il-każ.*

*Apparte dan kollu appena osservat, issir referenza għal dak osservat fil-ktieb* ***Principles of Maltese VAT Law,*** *ippubblikat mill-Malta Institute of Management u edited minn Dr. Robert Attard dwar* Conditions to be met to claim deduction of input VAT – in order to be able to claim a credit for input VAT, a taxable person must prove that the input tax being claimed was chargeable on supplies of goods or services or ICAs or importations of goods which have been or which will be used by him in the course of furtherance of his economic activity. In particular, the input VAT must be supported by a tax invoice in respect of the tax relating to goods or services supplied to him and in respect of ICAs made by him. In the case of importations a document of importation indicating the taxable person as the importer in respect of the tax on the importation is a pre-condition to claiming credit for input VAT. In fact, in L. Jorion & Société anonyme d'étude et de gestion immobiliére (EGI) (Joined Cases 123/87 and 330/857), the ECJ held that the Sixth Directive allows Member States to make the exercise of the right of deduction subject to the possession of a valid tax invoice which contains the details required by law. However, such particulars must not by reason of their number or technical nature make the exercise of such a right excessively burdensome. Although the Tenth Schedule to the VAT Act provides that an invoice is essential in order for a taxable person to be able to claim a deduction of input tax, in the case of services and goods in respect of which output VAT is to be accounted for and paid by the customer, in terms of Article 20(2) of the VAT Act, this requirement seems not to be strictly necessary. In Gerhard Bockemühl (Case C-90/02), the ECJ held that where the reverse charge mechanism applies and the recipient to be in possession of a valid invoice in order to be able to exercise the right of deduction. The jurisprudence of the European Court of Justice case law introduced another

condition for the claim of input VAT credit, namely that the claim for credit must be made in good faith, a condition whichis implied in Community Law. In Genius Holding BV (Case 342/87), **it was held that theright to deduction is applicable only in respect of VAT actually due, that is 'taxes corresponding to a transaction subject to VAT or paid in so far that theywere due'. This conclusion was refined in Strobel (Case C-454/98) where the ECJ allowed the deduction of input VAT (on a supply which never took place)provided that the supplier had actually paid the VAT collected to the tax authorities and admitted to the wrong doing** *(fn. 41 Enfasi tat-Tribunal)*. In addition, in Reemtsma Cigarettenfabriken (Case C-35/05) the ECJ held that in the absence of EU Laws on the repayment of taxes charge in error, it is for the domestic legal system of each Member State to lay down the conditions under which applications for refund can be made, provided that the principles of equivalence and effectiveness are met. (fn. 42 Paġna 55 u 56)

*Minn dawn il-prinċipji jirriżulta b'mod ċar li tgħid x'tgħid is-soċjetà Rikorrenti, fin-nuqqas ta' prova da parte tagħha li debitament u konkretament tissostanzja l-input tax minnha reklamata fid-denunzja tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16, una volta li l-fatturi minnha sottomessi evidentement ma humiex prova suffiċjenti, u fin-nuqqas ta' ħlas tat-taxxa relattiva da parte tas-supplier tagħha li jikkorrobora l-input tax minnha reklamata, dan it-Tribunal, bħall-Kummissarju tat-Taxxi qablu, ma jistax jikkonkludi li l-kreditu għall-input tax minnha reklamat fl-ammont ta' €88,200 huwa ġustifikat u dovut.*

*Għaldaqstant, tħares minn fejn tħares lejn l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16, jirriżulta li tali appell ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.*

*Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istima maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodu ta' taxxa 01.08.16-30.11.16 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stima.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà Rikorrenti.*

*A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà rikorrenti fl-14 ta' Marzu, 2023, hija talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tat-Tribunal tat-23 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet premessi, u tipproċedi bl-akkoljiment tat-talbiet fir-rikors promutur tagħha, filwaqt li tordna l-kanċellament tad-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat kif kontenuta fl-ittra tas-26 ta' Ottubru, 2018, u tiddikjara li l-ebda taxxa tal-VAT jew penali m'huma dovuti lill-Kummissarju intimat.

6. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex dan spostja l-oneru tal-prova tat-taxxa dovuta minn fuq il-Kummissarju appellat għal fuqha, b'tali mod li rrikjeda prova ferm ogħla minn dak li huwa normalment rikjest minn *taxpayer.* Qalet li filwaqt li f'każijiet fejn jiġu allegati frodi u qerq, il-Kummissarju tat-Taxxi jitfa' l-oneru tal-prova fuq it-*taxpayer,* mhux kull każ fejn jiġi allegat li ma ġietx dikjarata t-taxxa dovuta, għandu jitqies bħala każ ta' frodi u qerq kontra l-Kummissarju. L-appellanta qalet li jirriżulta li hija kienet ipproċessat *invoices* għal xogħol ta' skavar, kostruzzjoni, mano d'opera, sistema ta' drenaġġ ġdida u xogħol u materjal tal-kostruzzjoni. Qalet li peress li l-ammonti li kienu qegħdin jiġu *claimed* għall-fini ta' VAT kienu kbar, l-*invoices* ġew ivverifikati. Kompliet tgħid li sar eżerċizzju komparattiv bejn l-*invoices* u l-irċevuti esebiti minnha u r-*returned manual fiscal receipt books* tal-persuna li għamlet ix-xogħol, Martin Farrugia, u minn hemmhekk irriżultaw xi diskrepanzi. Qalet li fil-fatt il-Kummissarju, fir-rapport tiegħu, elenka ħames irċevuti tal-VAT li huwa jsostni li għandhom jiġu skartati, għall-ammonti ta' €94,400 (€14,400 VAT), €80,712 (€12,312 VAT), €177,000 (€23,000 VAT), €129,800 (€19,800 VAT) u €96,288 (€14,688 VAT). Qalet li r-

rapport jirrakkomanda wkoll *audit trail exercise* fuq *invoices* oħra tal-imsemmi Martin Farrugia, liema *invoices* huma elenkati fir-rapport, u jammontaw għal €700,000. Qalet li minħabba f'hekk, ir-rapport jikkonkludi li l-VAT dovuta tammonta għal €127,440.

7. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern irriżultaw nuqqasijiet serji da parti tal-Kummissarju appellat, għaliex dan ipproċeda bl-*assessment* kontra s-soċjetà appellanta. mingħajr ma għamel investigazzjoni serja kontra l-persuna l-oħra, Martin Farrugia. Qalet li tul il-proċeduri hija talbet kemm -il darba lill-Kummissarju appellat jixhed dwar x'investigazzjonijiet saru fil-konfront ta' Martin Farrugia, iżda l-Kummissarju appellat irrifjuta li jagħti din l-informazzjoni, u kellu jkun digriet tat-Tribunal li ġiegħel lill-Kummissarju appellat jiżvela li l-investigazzjoni fil-konfront ta' Martin Farrugia għadha kif inbdiet, u għalhekk din għadha ma ġietx konkluża. L-appellanta qalet li hija dejjem issottomettiet li d-dikjarazzjonijiet magħmula minnha kienu korretti u li s-sottomissjonijiet ta' Martin Farrugia kienu żbaljati. Qalet ukoll li jekk l-*invoices* li għandha hi mhumiex riflessi fid-dikjarazzjoni ta' dħul ta' Martin Farrugia, il-Kummissarju appellat ma setax jippreżumi li hija s-soċjetà appellanta li qiegħda tqarraq u mhux Martin Farrugia. L-appellanta qalet li huwa aktar probabbli li Martin Farrugia kien qiegħed jipprova jaħbi l-introjtu tiegħu sabiex iħallas ammonti inqas ta' VAT. Qalet li minkejja dan, il-Kummissarju appellat għamel din l-assunzjoni mingħajr ma kien għadu kkonkluda l-investigazzjoni fil-konfront ta' Martin Farrugia. Qalet li hija ppreżentat il-provi kollha li raġonevolment setgħet tipproduċi. Żiedet tgħid li t-Tribunal ikkummenta fis-sens li l-permess għall-iżvilupp esebit, jirrisali għal perijodu ferm qabel ix-xogħlijiet esegwiti u l-ispiża

relatata, iżda għandu jingħad li ix-xogħlijiet li saru f'dan il-każ kienu estensivi. Qalet li xogħol kapitali ta' din in-natura mhux dejjem jinbeda hekk kif joħroġ il-permess, u xogħol ta' din id-dimensjoni ma setax isir fuq temp ta' ftit ġimgħat jew xhur. Qalet li hija ħallset għax-xogħlijiet kollha fl-2016. Żiedet tgħid li filwaqt li huwa minnu li hija ntalbet għall-*bill of quantities* li però ma ġiex ipprovdut, għandu jingħad ukoll li dan kien proġett ġo razzett, u fiż-żmien li fih sar dan ix-xogħol ma kienux rikjesti l-formalitajiet kollha li jintalbu llum mill-kuntratturi, u dak iż-żmien lanqas ma kien hemm il-ħtieġa li kuntrattur ikun reġistrat. Qalet ukoll li hawnhekk qegħdin fil-kamp ċivili u amministrattiv, fejn min jallega jrid jipprova, u fejn il-każ irid jiġi ppruvat fuq bażi ta' probabbilitajiet.

8. Fl-aħħar nett l-appellanta qalet li kull dipartiment governattiv, inkluż dak tat-taxxa, huwa marbut li jimxi b'mod raġonevoli, u dan ġie ppuntwalizzat f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Il-Kummissarju appellat eċċepixxa li l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta huwa null u legalment improponibbli, għaliex m'għandux bażi legali fuq xiex jistrieħ, u dan *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 47(1) tal-Kap. 406, li jgħid li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi. Il-Kummissarju appellat qal li jekk wieħed janalizza r-rikors tal-appell intavolat mis-soċjetà appellanta, għandu jirriżulta li dan huwa bbażat fuq analiżi tal-fatti. Qal li mad-daqqa t'għajn għandu jirriżulta li t-Tribunal evalwa b'mod sħiħ il-provi jew l-allegazzjonijiet li kellu quddiemu, u li hu min-naħa tiegħu ressaq dokumentazzjoni, xhieda u rapporti bħala provi. Qal li mhux l-istess jista'

jingħad għas-soċjetà appellanta, u anki t-Tribunal irrimarka li din naqset milli tissodisfa l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuqha, u ma pprovdietx provi sodisfaċenti. Qal li kien għalhekk li t-Tribunal iddeċieda li l-appell intavolat mill-appellanta ma kienx iġġustifikat, u għalhekk ikkonferma l-istejjem maħruġa mill-Kummissarju appellat.

10. Il-Kummissarju appellat spjega li s-soċjetà appellanta rreġistrat bħala persuna taxxabbli li ser tkun qiegħda tagħmel xogħol ta' trobbija tal-annimali, *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Spjega li huwa kiteb lis-soċjetà appellanta, u infurmaha li kien ser jibda jinvestigaha, u sussegwentement sar 'Credit Control Report' fuqha. Qal li mill-investigazzjoni li segwiet, irriżulta li l-appellanta kienet talbet mija u sebgħa u għoxrin elf, erba' mija u erbgħin Euro (€127,440) f'*Input VAT,* liema ammont kien intalab għad li wara rriżulta li ma kienx dovut mill-Kummissarju appellat. L-appellat qal li huwa nnotifika lis-soċjetà appellanta bi stima provviżorja, u infurmaha wkoll li l-irċevuti fiskali li pproduċiet ma kienux jaqblu mal-kopji li kien intraċċa d-Dipartiment. L-appellat qal li huwa bagħat ukoll formula għal *review* f'każ li l-appellanta ma taqbilx mal-istejjem provviżorji mibgħuta lilha, jew riedet li jsirilha *review.* Il-Kummissarju appellat qal li talba għal *review* ma saritx, u għalhekk abbażi tar-riżultanzi li kellu dwar s-soċjetà appellanta, min-naħa tiegħu kkonferma l-istejjem *in toto.* Qal li dan sar għaliex l-appellanta ma ppreżentatx id-dokumenti meħtieġa sabiex turi li ma kienitx qiegħda taqbel mal-istejjem provviżorji li kienu nħarġu fil-każ tagħha.

11. Il-Kummissarju appellat qal li l-appellanta ġiet innotifikata bl-istejjem fis-6 ta' Novembru, 2018, u l-appellanta ikkontestat l-istejjem permezz ta' appell li

hija ppreżentat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Qal li t-Tribunal iddeċieda billi ċaħad l-appell, u minflok ikkonferma dawn l-istejjem.

12. Il-Kummissarju appellat qal li dan l-appell mhux ammissibbli għaliex l-appellanta setgħet tappella biss fuq punt ta' liġi, u fil-każ in eżami l-appell huwa bbażat fuq punti ta' fatt, u għalhekk dan l-appell kien improponibbli. Qal li dak li qiegħda tallega l-appellanta, li t-Tribunal spostja l-oneru tal-prova tat-taxxa dovuta għal fuqha, mhuwiex veritier, u dan mhux dak li qalet is-sentenza tat-Tribunal. L-appellat qal li t-Tribunal ikkwota d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 406, u qal li s-soċjetà appellanta mhijiex korretta dwar min mill-partijiet għandu jiskarika l-oneru tal-prova. Qal li f'dan ir-rigward il-Partita 2(2) tad-IX Skeda tal-Kap. 406 ma tħalli spazju għal ebda forma ta' interpretazzjoni, għaliex fil-fatt tgħid li jkun dmir tal-appellant li jġib prova li l-valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju, jkun eċċessiv jew li xi kreditu li sar stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti. Qal li l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa *lex specialis,* liġi ta' natura unika u speċifika, u din il-liġi fin-natura tagħha hija liġi fiskali. Il-Kummissarju appellat qal li huwa prinċipju bażilari li l-liġi fiskali għandha tiġi interpretata b'mod ristrett. Il-Kummissarju appellat qal li s-soċjetà appellanta naqset bl-aktar mod grossolan milli tiskarika l-oneru tal-prova li tinkombi fuqha *ope legis,* sabiex tipprova jekk l-*Input VAT* kienx inkors minnha, kienx veru, u kienx fil-kors tal-attività ekonomika tagħha. Qal li d-dritt għall-*Input VAT,* minkejja li huwa dritt sagrosant, irid jitħaddem f'għadd ta' parametri, kif ben dettati mill-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-każ odjern l-appellanta baqgħet ma ċċaratx x'inhi l-attività ekonomika tagħha, la fl-istadju tal-investigazzjoni u lanqas fir-*review.* Kompla jgħid li huwa prinċipju bażilari li fil-

Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dritt għall-*Input VAT* huwa marbut intrinsikament mal-attività ekonomika *o meno,* li jkun qiegħed jagħmel pagatur tat-taxxa. Kompla jgħid li ladarba s-soċjetà appellanta naqset milli tipprova n-natura tal-attività ekonomika tagħha, segwa li l-Kummissarju appellat ħadilha d-dritt għall-*Input VAT* reklamat minnha.

13. L-appellat qal li minkejja li s-soċjetà appellanta kienet infurmata li kellha dritt tagħmel talba għal *review,* din baqgħet m'għamlitx tali talba għar-reviżjoni tat-taxxa mitluba mingħandha. Qal li ladarba r-*review* ma saritx, u ma nbidel xejn minn dak li rriżultalu fl-investigazzjoni, il-Kummissarju appellat ikkonferma l-istejjem proviżorji, u ħareġ l-istejjem in eżami stante li t-talbiet magħmula mis-soċjetà appellanta ma kienux ġustifikati.

14. Il-Kummissarju appellat qal li f'tentattiv sabiex tipprova toskura l-operat tiegħu, is-soċjetà appellanta qiegħda tallega li huwa ma użax id-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġonevoli, u qal li l-operat tiegħu sar fl-isfond li jkun hemm ħarsien tal-erarju pubbliku. Qal li dan tant hu minnu, li s-soċjetà appellanta għal aktar minn darba ġiet mitluba tissostanzja t-talbiet għall-*Input VAT* li kienet qiegħda tagħmel fid-denunzji tagħha. Qal li huwa kien rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn tul il-kors tal-investigazzjoni tiegħu sab li ċ-ċifri fuq id-dokumentazzjoni ppreżentata lilu ma kienux jaqblu, u li minkejja li s-soċjetà appellanta intalbet tippreżenta spjegazzjonijiet u informazzjoni sabiex tissostanzja din id-diskrepanza, l-appellanta baqgħet inadempjenti. Qal li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju raġonevoli li l-appellanta naqset milli tottempera ruħha ma' dak li jipprovdi l-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-preżentazzjoni tad-dokumenti u ż-żamma tagħhom. Il-Kummissarju appellat qal li huwa eżerċita d-diskrezzjoni

tiegħu raġonevolment, u mhux arbitrarjament għaliex kellu xi preġudizzju kontra l-appellanta, iżda fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kellu jiddeċiedi. Qal li din id-deċiżjoni kienet waħda razzjonali u fil-parametri ta' dak li huwa raġonevoli kif jitlob id-dritt amministrattiv. Il-Kummissarju appellat qal li din id-deċiżjoni hija bbażata fuq fatti konkreti li jitkellmu waħedhom, u għalhekk m'għandhiex tiġi ttimbrata bħala waħda arbitrarja u irraġonevoli. Il-Kummissarju appellat qal li t-Tribunal mar oltre minn dak li qiegħed jiġi allegat mill-appellanta fl-aggravju tagħha, u t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li kkunsidra l-provi miġjuba mill-partijiet, u qies li l-provi miġjuba mill-Kummissarju appellat huma aktar ta' min joqgħod fuqhom. Qal li anki jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal ma għoġbitx lill-appellanta, dan ma jfissirx li din għandha tinterpreta d-deċiżjoni mogħtija bħala waħda ta' interpretazzjoni żbaljata tal-fatti. Il-Kummissarju appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal setgħet tiġi appellata fuq punt ta' liġi biss, u dan l-appell huwa bbażat totalment fuq analiżi fattwali tal-provi mressqa, u fuq in-nuqqas tal-appellanta li tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni sabiex tissostanzja l-każ tagħha dwar l-ammonti kif maħduma minnha. Il-Kummissarju appellat qal li kwalunkwe aggravju bbażat fuq punt ta' fatt, li jingħata sembjanza ta' aggravju fuq punt ta' liġi, għandu jiġi skartat minn din il-Qorti.

15. Il-Kummissarju appellat temm jgħid li l-appell ippreżentatat mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud stante li huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u stante li huwa legalment improponibbli għaliex jikser id-dettami tal-artikolu 47 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, għaliex hija ġusta u tikkonforma mal-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Kummissarju appellat.

*L-Ewwel Aggravju: [Dwar l-iskariku tal-oneru tal-prova]*

17. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex dan spostja l-oneru tal-prova dwar it-taxxa dovuta minn fuq il-Kummissarju appellat għal fuqha bħala t-*taxpayer.* Qalet li l-Kummissarju talab mingħandha prova fi grad akbar minn dik li normalment tintalab mingħand it-*taxpayer,* u qalet li dan mhuwiex każ ta' frodi jew qerq min-naħa tagħha. Qalet li hija kienet ipproċessat *invoices* għal xogħol ta' skavar, kostruzzjoni u *mano d'opera* għax-xogħol li kellu jsir għall-*upgrading* ta' post għat-trobbija tal-majjalli, u kien meta sar eżerċizzju ta' tqabbil bejn l-*invoices* u l-irċevuti ppreżentati minnha u r-*returned manual fiscal receipt books* li ppreżentat il-persuna li għamlet ix-xogħol, li nstabu xi diskrepanzi fil-valuri. Qalet li l-appellat kien żbaljat meta pproċeda bil-ħruġ tal-*assessment* fil-konfront tagħha, filwaqt li ma mexxa l-ebda investigazzjoni fil-konfront ta' Martin Farrugia, l-persuna li pprestatilha s-servizz u x-xogħol, u hija dejjem saħqet li s-sottomissjonijiet tagħha kienu korretti u ppreżentat il-provi kollha li ntalbet tippreżenta. Qalet li dan kien xogħol estensiv li sar fuq medda ta' xhur, minkejja li kkonfermat li l-ħlas għax-xogħol in kwistjoni sar fl-2016.

18. Il-Qorti tirrileva li appelli minn deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, huma regolati bl-artikolu 47(1) tal-istess Att, li jgħid li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal li jsiru quddiem din il-Qorti, għandhom ikunu appelli bbażati fuq punti ta' liġi. Fl-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, hija tgħid li t-Tribunal skarika l-oneru tal-prova minn fuq l-appellat għal fuqha. Naturalment din hija l-opinjoni espressa tal-appellanta, li b'dan l-aggravju qiegħda titlob lil din il-Qorti tevalwa mill-ġdid id-deċiżjoni tat-Tribunal sabiex tiddetermina jekk dak allegat mis-soċjetà appellanta huwiex minnu. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, m'hemm l-ebda punt ta' liġi li l-appellanta qiegħda titlob lil din il-Qorti tevalwa u tiddeċiedi dwaru mill-ġdid, iżda l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa biss talba biex din il-Qorti tesprimi l-fehma tagħha dwar id-diskrezzjoni li uża t-Tribunal biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti ssib li lanqas li kieku kellu jiġi analizzat l-artikolu tal-liġi applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, jiġifieri l-Partita 2 li taqa' taħt id-Disa' Skeda, ma jirriżulta sostanzjat dak li tgħid is-soċjetà appellanta, u dan għaliex dan l-artikolu tal-liġi jgħid illi:

> "Ikun dmir tal-appellant li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eċċessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti."

19. Għaldaqstant l-argument prinċipali tas-soċjetà appellanta ma jsibx konfort lanqas fit-test tal-liġi, li tgħid b'mod ċar li huwa d-dmir tal-parti li qiegħda tappella li ġġib provi suffiċjenti sabiex tipprova li l-valur taxxabbli li tkun saret stima dwaru mill-Kummissarju hija eċċessiva, jew inkella li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti. Hawnhekk il-Qorti tara li s-

soċjetà appellanta la għandha raġun fin-natura tal-aggravju li qiegħda tressaq, ladarba dan mhux ibbażat fuq xi punt ta' liġi li ddeċieda dwaru t-Tribunal, u lanqas m'għandha raġun meta tgħid li t-Tribunal żbalja għaliex skarika l-oneru tal-prova fuqha, għaliex minn qari tal-liġi applikabbli, jirriżulta li dan huwa proprju dak li kellu jagħmel it-Tribunal. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza meħtieġa sabiex tapprofondixxi aktar dwar dan l-ewwel aggravju, ladarba mhuwiex ibbażat fuq xi punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal, u għalhekk sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Id-dmir tal-Kummissarju li jimxi mal-prinċipju tar-raġonevolezza]*

20. Is-soċjetà appellanta tgħid li fil-każ odjern il-Kummissarju kellu jimxi b'mod raġonevoli, iżda minkejja li tiċċita diversi sentenzi li jagħtu konfort lil din il-pożizzjoni tagħha, hija tonqos milli tispjega b'liema mod il-Kummissarju tat-Taxxa ma mexiex b'mod raġonevoli bid-deċiżjoni li ħa, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata mit-Tribunal. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li proċeduralment għandu jirriżulta li minkejja li l-Kummissarju tat-Taxxa ta ċans lis-soċjetà appellanta tressaq talba formali għal *review* f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-istejjem provviżorji maħruġa fil-konfront tagħha, is-soċjetà appellanta naqset milli tagħmel talba formali għal *review* tal-każ tagħha, u ppreferiet li tikkontesta l-imsemmija stejjem quddiem it-Tribunal. Jirriżulta li t-Tribunal iddeċieda abbażi tal-provi, tad-dokumenti u tax-xhieda li tressqu quddiemu mill-partijiet, wara li rrimarka li ma kienx sodisfatt bil-grad u bil-kwalità tal-provi miġjuba quddiemu mis-soċjetà appellanta. Hawnhekk għandu jingħad li fost il-problemi ġew

elenkati mit-Tribunal, kien hemm il-fatt li f'għadd ta' fatturi u *invoices* li ġew ippreżentati, irriżultaw diversi diskrepanzi bejn il-*manual fiscal receipts* ippreżentati mis-soċjetà appellanta u dawk sottomessi mis-*supplier* Martin Farrugia. It-Tribunal ma sabx traċċa ta' ħlas tat-taxxa relattiva da parti tal-fornitur tal-mano d'opera u tal-materjal li ntuża li jikkorrobora l-*input tax* reklamata mill-appellanta. Il-Qorti tirrileva li x-xogħol tal-Kummissarju appellat hu intrinsikament marbut mal-ħarsien tal-erarju pubbliku, u mal-ħtieġa li jiġi assigurat li l-Istat jiġbor it-taxxi u l-ħlasijiet amministrattivi dovuta lilu. Huwa d-dmir fundamentali ta' kull ċittadin, li jħallas dak li huwa dovut minnu lill-Istat. . Fil-każ odjern jirriżultaw wisq diskrepanzi u kien hemm nuqqas sostanzjali ta' provi mis-soċjetà appellanta, b'tali mod li l-Kummissarju ma setax jikkonkludi mod ieħor, għajr li s-soċjetà appellanta mhijiex intitolata għall-*input VAT* pretiża minnha. It-Tribunal, wara li evalwa l-provi Ii tressqu quddiemu miż-żewġ partijiet involuti f'dawn il-proċeduri, iddeċieda li għandu jingħata raġun il-Kummissarju appellat fid-deċiżjoni li ħa. Il-Qorti tqis li ma sar xejn li ma jonorax il-prinċipju tar-raġonevolezza fl-iter proċedurali segwit mill-Kummissarju appellat, u fid-deċiżjoni eventwalment meħuda minnu, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata wkoll mit-Tribunal. Quddiem ċifri li ma qablux, ċifri dubbjużi kif jirriżulta mill-analiżi li għamel it-Tribunal, diskrepanzi bejn dak li qiegħda tgħid is-soċjetà appellanta u dak li qegħdin jgħidu t-terzi li kienu s-*suppliers* tagħha, b'uħud minnhom li qegħdin jiffaċċjaw proċeduri legali separati minn dawk odjerni, u quddiem ir-riluttanza tas-soċjetà appellanta li tipparteċipa fi proċeduri ta' *review* kif talabha tagħmel il-Kummissarju appellat, il-Qorti ma ssib xejn li mhux raġonevoli fl-istejjem provviżorji maħruġa mill-Kummissarju

appellat, u fid-deċiżjoni eventwali tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**